MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2012

Numru. 967/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Arthur Mercieca)**

**vs**

**KARMENU CAMILLERI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Karmenu Camilleri ta’ 60 sena mwieled Zejtun nhar il-1 ta’ Frar 1948 bin Karmenu u Angela nee’ Spiteri, residenti gewwa Garden of Eden Triq il-Falkunier, Zejtun detentur ta’ Karta ta’ l-identita Nru 147648(M)

Gie akkuzat talli nhar it-2 ta’ Ottubru 2008 ghall-habta ta’ 12.30pm gewwa Zejtun, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, ikkaguna feriti

ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Eugenio Grech skond kif iccertifika Dr.G.Micallef MD reg 5139 mill-isptar Mater Dei.

U aktar talli fl-istess data hin lok u cirkostanzi gewwa Zejtun hebb ghall-imsemmi Eugenio Grech sabiex jingurjah, idejqu jew jghamillu hsara.

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi gewwa Zejtun volontarjament kiser il-bon -ordni jew il-kwiet pubbliku b’ghajjat u glied

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota ta’ Rinviju tieghu datata 7 ta’ April, 2009 u nnutat li l-imputat Karmenu Camilleri m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.
Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li qed jammetti l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu skond l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu skond l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 214, 216, 339(1)(d) u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Karmenu Camilleri, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu skond l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali tal-imputat, tillibera lill-istess imputat Karmenu Camilleri taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-

kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, torbot lill-imputat Karmenu Camilleri b’obbligazzjoni personali ta’ elf Euro (Euro1000) li jzomm il-kwiet ma’ Eugenio Grech u li jzomm il-bonordni pubbliku ma’ kulhadd ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Karmenu Camilleri l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------